**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 4**

**Rikors Maħluf Numru 760/2021 NC**

**Dorian Dalli u Jeremy Dalli**

**vs.**

**Portem Tourism Ventures Limited**

Illum 17 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-atturi Dorian Dalli u Jeremy Dalli (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-2 ta' Awwissu 2021 li jgħid hekk:

*"Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża*

*1. In forza ta' skrittura privata datata sebgħa (7) t'April, elfejn u sbatax (2017), l-esponenti biegħu u ttrasferew a favur l-intimata Portem Tourism Ventures Limited, numru ta' oġġetti mobbli*

*konsistenti, f'fixtures, fittings u furnishings għal prezz pattwit ta' mitt elf euro (EUR100,000) (Dok. 'DD1').*

*2. L-iskrittura privata tistipula inter alia, li l-intimata kellha tħallas s-somma ta' għoxrin elf euro (EUR20,000) mad-data tal-kuntratt, in liema somma, is-somma ta' sitt elef euro (EUR6,0000) bi qbil bejn il-partijiet ġiet mgħoddija lill-terz (klawsola 3). Ir-rimanenti bilanċ ta' tmenin elf euro (EUR80,000) kellu jitħallas f'pagamenti mensili, fix-xahar, fis-somma ta' elfejn mitejn tnejn u għoxrin u tnejn u għoxrin ċenteżmu (EUR22,222.22) (klawsola 4).*

*3. Is-soċjeta' Portem Tourism Ventures Limited tinsab moruża fil-pagamenti, bi ksur tal-iskrittura supra riferita. Fil-fatt sal-llum, l-intimata ħallset biss s-somma ta' tmienja u sittin elf, tmin mija tmienja u tmenin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (EUR68,888.84) (Dok. 'DD2'). Illi b'hekk, l-intimata Portem Tourism Ventures Limited għadha taf lir-rikorrenti l-bilanċ ta' wieħed u tletin elf, mija u ħdax-il euro u sittax-il ċenteżmu (EUR31,111.16).*

*4. Ir-rikorrenti taw effett għad-dispost ta' klawsola numru ħamsa (5) tal-istess ftehim, fejn permezz t'ittra ġudizzjarja (rif. 1018/19 datata 15 ta' Marzu 2019) interpellaw lill-intimata soċjeta' biex tivversa l-bilanċ li sa dak iż-żmien kien dovut (Dok. 'DD3'). Madanakollu l-intimata baqgħet inadempjenti u sa llum l-bilanċ imsemmi preċedentament – s-somma ta' wieħed u tletin elf, mija u ħdax-il euro u tmienja u tletin ċenteżmu (EUR31,111.38) għadha dovuta lir-rikorrenti.*

*5. Dan id-dejn għalhekk huwa ċert, likwidu u wieħed li għalaq hekk kif mistenni mill-Artikolu 167(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*6. Sa fejn jafu ir-rikorrenti, l-intimata Portem Tourism Ventures Limited m'għandiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba tagħha.*

*7. Għaldaqstant, huma pjenament sodisfatti r-rikwiżiti imposti mill-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*8. Ir-rikorrenti Dorian u Jeremy Dalli jikkonfermaw u jiddikjaraw illi jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Raġuni tat-Talba*

*1. Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.*

*Talbiet:*

*Tgħid għalhekk l-intimata, 'il għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:*

*1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tikkundanna, għar-raġunijiet premessi, lill-intimata Portem Tourism Ventures Limited sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' wieħed u tletin elf, mija u ħdax-il euro u tmienja u tletin ċenteżmu (EUR31,111.38).*

*Bl-imgħax legali fuq is-somma dovuta mid-data tal-ittra ġudizzjarja (rif. 1018/19 datata 15 ta' Marzu 2019), sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u dak tal-mandat ta' deskrizzjoni ppreżentati kontestwalment, kontra l-intimata li hija min issa inġunta għas-subizzjoni."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Awwissu 2021 (*a fol.* 18) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 u fejn is-soċjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex

tidher u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-atturi.

Rat illi, minkejja li s-soċjeta' konvenuta Portem Tourism Ventures Limited ġiet notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni, l-ebda rappreżentant tagħha ma deher għas-seduta tallum u b'hekk s-soċjeta' konvenuta ġiet meqjusa li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors Maħluf tal-atturi u mill-affidavit ta' Dorian Dalli (direttur tas-soċjeta' attriċi) anness mal-istess Rikors Maħluf jirriżulta li in forza ta' skrittura privata datata 7 ta' April 2017, l-atturi biegħu u ttrasferew lis-soċjeta' konvenuta numru ta' oġġetti mobbli konsistenti, f'*fixtures*, *fittings* u *furnishings* għal prezz ta' mitt elf Euro (€100,000). Fl-iskrittura privata ġie mitfiehem li s-soċjeta' konvenuta kellha tħallas is-somma ta' għoxrin elf Euro (€20,000) mad-data tal-kuntratt, minn liema somma, is-somma ta' sitt elef Euro (€6,0000) bi qbil bejn il-partijiet ġiet mgħoddija lil Edward Calleja. Fir-rigward tal-bilanċ ta' tmenin elf Euro (€80,000), dan kellu jitħallas f'pagamenti mensili f'ammont miftiehem bejn il-partijiet. Jingħad li, sa dakinhar li ġiet ippreżentata l-kawża odjerna, is-soċjeta' konvenuta ħallset biss s-somma ta' tmienja u sittin elf, tmien mija, tmienja u tmenin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€68,888.84) u b'hekk baqa' bilanċ ta' wieħed u tletin elf, mija u ħdax-il Euro u sittax il-ċenteżmu (€31,111.16) x'jitħallas mis-soċjeta' konvenuta lill-atturi. Jingħad ukoll li minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, il-bilanċ imsemmi baqa' ma tħallasx mis-soċjeta' konvenuta u li d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u li s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet validi x'jagħti għat-talbiet tal-atturi. Fid-depożizzjoni mogħtija waqt is-seduta tallum minn Dorian Dalli jingħad li l-ammont mitlub mill-atturi fir-Rikors Maħluf tagħhom għadu kollu dovut.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smiegħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li l-atturi ppruvaw il-każ tagħhom skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tal-atturi huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* ta' Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tal-atturi billi tikkundanna, għar-raġunijiet premessi, lis-soċjeta' konvenuta Portem Tourism Ventures Limited sabiex tħallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' wieħed u tletin elf, mija u ħdax-il Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€31,111.38).

Finalment, il-Qorti tordna li l-imgħax legali u l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tal-atturi jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' konvenuta Portem Tourism Ventures Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**